MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Numru. 156/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**PAUL MIFSUD ta' 56 sena, iben Emmanuele u Spiridiona nee' Orland, imwieled iz-Zejtun nhar is-27 ta' April, 1952, residenti fil-fond numru 3, Flat 1, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 391952M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **PAUL MIFSUD** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Frar, 2009 bejn id-09:20 ta' fil-ghodu, u l-10:30 ta' fil-ghodu, gewwa d-Dipartiment tas-Sigurta'

Socjali li jinsab fi Triq San Dwardu, il-Birgu, ingurja hew hedded, jew ghamel offiza permezz ta’ sikkina fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq WPC 137 Cleopha Buhagiar, li hija vjolenza pubblika, li hija persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kienet tagixxi ghal esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tal mod illi kkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf illi b’tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza’;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma li taqta’ u bil-ponta, minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m’obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied.

Rat illi l-ezami ta’ l-imputat a tempo vergine l-istess Paul Mifsud irregistra li kien hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Fl-istess seduta l-Qorti anke ghax *ad occhio* setghet tikkonstata li l-akkuzat kien afflitt minn problemi psikologici/psikjatrici ordnat li ghas-seduta ta’ wara jigi ngunt Dr Joseph Spiteri biex jirrelata verbalment dwar l-

istat ta’ l-istess akkuzat. Hekk gara, tant li fis-seduta ta’ l-24 ta’ Frar, 2009 fil-waqt illi l-akkuzat rega’ kkonferma l-ammissjoni tieghu, il-Qorti ghaddiet biex tisma’ lil Dr Joseph Spiteri. Dan spjega li ghalkemm Paul Mifsud qatt f’hajtu ma kellu qabel kuntatti mas-servizzi psikjatrici, dan ghax fi kliemu ‘..qabez min-nett tas-*psychiatric services*’ l-istess akkuzat kien afflitt minn distrubi mentali. Ghalkemm Dr Spiteri iddikkjara li l-akkuzat kien *fit to stand and to plead trial*, kien ibaghti mill-kundizzjoni ta’ *schizzo effective disorder*, u li kien diga’ qieghed jikkuraha u li oltre hekk kellu bzonn kura psikjatrika. Ezebixxa f’dan ir-rigward id-dokument JS – relazzjoni minnu redatta. Dr Spiteri kien ta’ l-opinjoni li fl-ambitu tas- *psychiatric services* lokalment offruti l-istess akkuzat jitqieghed f’*residential program*.

Illi konsiderando dak kollu hawn fuq premess, u wara li regghet giet ri-affermata l-htija ta’ l-istess Paul Mifsud tramite l-Avukat Difensur tieghu, qieghda ssibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 95 u 96, 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqis li l-piena idonea ghandha tkun piena karcerarja ta’ sena(1) sospiza ghal sentejn(2), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-ARtikolu 28G u tqieghdu taht ordni ta’ Supervizjoni taht Dr Joseph Spiteri ghal sena(1), b’dan illi huwa ghandu jsegwi dawk id-direttivi lilu moghtija mill-istess Perit Psikjatriku, anke illi jircievi kura a bazi residenzjali gewwa Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------